**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Distrett San Ġiljan**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Terence Grixti, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 527184M;**

*Kaz. Nru. 2356/24*

Illum, 25 ta' Novembru, 2024S

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Terence Grixti u ċioe talli:

Nhar il-ħmistax (15) ta' Settembru 2019 bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) ġewwa triq Mikiel Anton Vassalli, San Ġiljan:-

1. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienet taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti u cioe lis-**surġent 243 Clayton Frendo** u l-**kuntistabbli 294 Geoffrey Mallia**;

2. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna tas-**surġent 243 Clayton Frendo** u l-**kuntistabbli 294 Geoffrey Mallia**, persuni

nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas-**surġent 243 Clayton Frendo** u l-**kuntistabbli 294 Geoffrey Mallia** f'periklu ċar, ikkaġunalhom ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħhom, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa;

4. Saq, jew ipprova jsuq vettura bil-mutur tal-għamla Alfa Romeo, bin-numru ta' reġistrazzjoni ACE 587 mingħajr liċenza tas-sewqan;

5. Saq vettura bil-mutur tal-għamla Alfa Romeo, bin-numru ta' reġistrazzjoni ACE 587 minghajr ma' kien kopert b'polza ta' sigurta dwar ir-riskji ghat-terzi persuni;

6. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku (u cioe' PS 243 u PC 294), jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kienu jgħamlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħllu fi dmir, billi ma ħalliex lis-**surġent 243 Clayton Frendo** u l-**kuntistabbli 294 Geoffrey Mallia** jgħamlu dak li b'liġi kienu ordnati jew setgħu jagħmlu, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li PS 243 u PC 294 kienu għamlu skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun;

7. Ħebb kontra is-**surġent 243 Clayton Frendo** u l-**kuntistabbli 294 Geoffrey Mallia** sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmlilhom ħsara;

8. Inġurja jew hedded lis-**surġent 243 Clayton Frendo** u l-**kuntistabbli 294 Geoffrey Mallia**, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

9. Sar reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati Kriminali (Malta) u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurta tal-vittmi PS 243 u PC 294.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputata iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024;

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fis-26 ta' Marzu, 2024;

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar it-12 ta' Ġunju 2024, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**PIENA**

In kwantu ghal piena l-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-ammissjoni tal-imputat anke jekk din ma ngħatatx f'xi stadju bikri tal-proċeduri, tal-fedina penali tiegħu li għalkemm mtappna ma hiex waħda li toħloq preokkupazzjoni kbira tant li l-aħħar reat li nstab ħati dwaru twettaq fl-2014 u taċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-każ.

Illi bejn l-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn, tlieta, sitta, sebgħa u tmienja japplika l-prinċipju ta' konkors formali ta' reati, fejn il-piena l-aktar gravi tkun dik kontemplata bl-ewwel imputazzjoni.

Ingħata piż kbir lill-fatt li l-uffiċjal tal-pulizija PS243 Clayton Frendo stqarr mal-Uffiċjal tal-Pulizija li tenut it-trapass ta' zmien l-imputat ma għandux jingħata piena karċerarja.

Hu dan il-fatt, abbinat mar-rakkomandazzjonijiet magħmulha fil-Pre-Sentencing Report, li ser iżomm il-Qorti milli timponi piena karċerarja fuq l-imputat.

Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tieħux ukoll kont tal-fatt li din hi r-raba okkażjoni fejn l-imputat qed jinstab ħati dwar reati in kontravenzjoni tal-Kapitoli 65 u 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan juri menefregizmu għall-ligijiet ta' pajjiżna w tas-soċjetà in ġenerali, liġijiet intiżi biex jassiguraw is-sigurezza fit-toroq tagħna bil-prijorità tibqa il-ħarsien ta' *pedestrians* u sewwieqa li m'hemmx dubbju li l-imputat ġie jaqa w iqum minnha, u saħansitra naqas milli juri xi rimors għall-egħmilu kif jixhed l-istess Pre-Sentencing Report.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(f), 31, 49, 50, 95, 96, 214, 215, 221, 338(ee) u 339 (1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, u l-artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 3(1)(a)(2)(2A) ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-***Att dwar il-Probation***, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil ħati li jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' *probation* kif speċifikat fl-artikolu 7 tal-imsemmi Att għal żmien **tlett (3) snin** kif ukoll li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunità, kif speċifikat fl-artikolu 11 tal-Att.

L-imputat qed jiġi ordnat jaqdi mitt **(100) siegħa** ta' xogħol bla ħlas jew xogħol bla ħlas u taħriġ, kif speċifikat fl-artikolu 11 tal-Att dwar il-Probation.

Qabel ma din il-Qorti għaddiet biex tagħmel din l-ordni semgħet lill-Uffiċjal tal-Probation u ai termini tal-Artikolu 11(4) tal-Att dwar il-Probation spjegat lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li kemm il-darba jonqos li jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, hu jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

A tenur tal-artikolu 11(5) tal-Att dwar il-Probation, tordna li kopja ta' dan l-ordni minnufih tingħata lill-ħati, lid-Direttur, lill-uffiċjal tas-servizz fil-komunità assenjat għall-każ mid-Direttur, u lill-aġenziji u l-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tal-ordni ta' servizz fil-komunità.

Inoltre tikkundanna l-ħati għall-ħlas ta' multa ta' **ħamest elef Ewro (€5,000)** li għandha titħallas fi zmien tlett snin millum, b'rati mensili w bid-dekadenza.

F'każ li din il-multa ma titħallasx skond kif ordnat din għandha tiġi konvertita f'terminu ta' priġunerija skond il-Liġi.

A tenur tal-artikolu 3(2A) ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikolu 15(3) tal- Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta l-imputat qed jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar millum.

Ai termini tal-artikolu 3(2)(c)(i) ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-Alfa Romeo numru ta' reġistrazzjoni ACE587.

Finalment tordna notifika ta din is-sentenza lil Transport Malta, Land Registry.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**